**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 495/2016**

**SE**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**(C2833)**

**Seduta tat-3 ta' Ottubru 2017**

**L-Arbitru**

**Ra l-ilment fejn qed l-ilmentatur jissottometti**:

Illi fl-2007, l-ilmentatur kien mar il-Fergha ta' Bir id-Deheb tal-*Bank of Valletta p.l.c.,* fejn kien talab li jinhareg *bank draft* ghas-somma ta' erbat elef u sebghin Liri Maltin (Lm4,070, ekwivalenti ghal €9,480.55)

Illi dan il-*bank draft* kellu n-numru 600628.

Illi fil-bidu kien gie mgharraf li dan il-*bank draft* kien issarraf minnu, izda wara qalulu, li dan kien gie ikkancellat minhabba l-firem li kien ghamel fuq wara ta' dan id-*draft.*

Illi ried jaghmel zewg cekkijiet ohra li jammontaw ghall-istess valur li hu hallas bi flus kontanti.

Illi hu la sarraf dan id-*draft* u lanqas ikkancellah.

Illi l-*bank draft* gie moghti lid-Direttur Manigerjali ta' *On-Site Property Services* u, ghalhekk, qed jigi prezunt li tali flus kienu imsarrfa minnu jew minn terzi persuni li kienu involuti mas-Sur Roderick Mallia.

Illi l-Bank ghandu jkollu l-informazzjoni relevanti mehtiega min sarraf dan il-*bank draft*.

Illi qed jitlob li jinghata l-ammont ta' Lm4,070 (ekwivalenti ghal €9,480.55), minghand il-*Bank of Valletta p.l.c.,* valur ta' dan il-*bank draft* nru. 600628 u l-imghax li tilef fuq dawn il-flus.

**Fir-risposta tieghu, il-*Bank of Valletta p.l.c.* ( provditur tas-servizz) jghid hekk:**

1. Illi, preliminarjament, jekk l-ilmentatur qieghed jallega illi l-Bank thallas is-somma ta' erbat elef u sebghin Liri Maltin (Lm4,070.00) ekwivalenti ghal disat elef, erba' mija u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€9,480.55) indebitament, l-esponenti teccepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, jekk l-ilmentatur qieghed jallega illi l-kumpanija konvenuta eccipjenti arrikkiet ruhha indebitament mill-imsemmija somma ta' erbat elef u sebghin Liri Maltin (Lm4,070.00) ekwivalenti ghal disat elef, erba' mija u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€9,480.55), l-esponenti teccepixxi l-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, jekk l-ilmentatur qieghed jeccepixxi illi l-Bank ikkawzalu xi danni, l-esponenti teccepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn ai temini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, kieku il-fatti sehhew kif qieghed jipprospettahom l-ilmentatur (u dan huwa kontestat mill-Bank esponent), ir-rimedju illi ghandu l-ilmentatur m'huwiex dak kontra l-Bank, imma kontra min thallas kif allegat indebitament u l-Bank ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Skont l-ilmentatur, infatti, huwa hallas is-somma ta' erbat elef u sebghin Liri Maltin (Lm4,070.00) ekwivalenti ghal disat elef, erba' mija u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€9,480.55) darbtejn jew lin-Nutar John Gambin jew lill-Agent Roderick Mallia. Kieku din kienet is-sitwazzjoni, allura l-azzjoni biex l-ilmentatur jirkupra lura s-somma mhallsa allegatament indebitament darbtejn, kellha ssir kontra minn hekk thallas, ghaliex il-Bank, (kieku veru l-ilmentatur halla fic-cirkolazzjoni tlett cekkijiet u, cioè, l-ewwel

cekk ta’ erbat elef u sebghin Liri Maltin (Lm4,070.00) u imbaghad iz-zewg cekkijiet ta’ tlett elef u seba’ mitt Liri Maltin (Lm3,700.00) u tliet mija u sebghin Liri Maltin (Lm370.00) rispettivament, il-Bank ma ghamel assolutament xejn hazin meta inkassa dawn ic-cekkijiet. Dan qed jinghad biss, kieku il-fatti huma kif qed jipprospettahom l-ilmentatur ghaliex l-esponenti ma taqbel xejn ma’ dan, kif ser jinghad aktar ‘il quddiem.

5. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, dak li jirrizulta li effettivament gara hu illi fil-jum tas-7 ta’ Awwissu 2007, kmieni filghodu, (08:44), SE gie l-Bank u talab il-hrug ta’ cekk ta’ erbat elef u sebghin Liri Maltin (Lm4,070.00) mill-kont tieghu. Ic-cekk bankarju inhareg u inghata lill-ilmentatur. Ftit tas-sighat wara (11:22), l-istess ilmentatur rega’ gie il-Bank bl-istess cekk f’idejh u talab li l-imsemmija somma ta’ erbat elef u sebghin Liri Maltin (Lm4,070.00) ma tinharigx f’cekk wiehed imma f’zewg cekkijiet u, cioè, wiehed ta’ tlett elef u seba’ mitt Liri Maltin (Lm3,700.00) u l-iehor ta’ tlett mija u sebghin Liri Maltin (Lm370.00). Dan huwa ferm spjegabbli, anke jekk wiehed ihares lejn il-fatti kif graw ghaliex l-ilmentatur ried jaghmel konvenju ghall-proprjetà tal-valur ta’ sebgha u tletin elf Liri Maltin (Lm37,000.00) u, allura, dak li kellu bzonn huwa cekk ta’ tlett elef u seba’ mitt Liri Maltin (Lm3,700.00), import ta’ ghaxra fil-mija (10%) ghad-depozitu akkont tal-prezz, u cekk ta’ tlett mija u sebghin Liri Maltin (Lm370.00) li jirrapprezenta l-wiehed fil-mija (1%) illi jrid jithalla man-Nutar akkont tat-taxxa tal-hamsa fil-mija (5%) fuq l-istess trasferiment. Jirrizulta wkoll, illi c-cekk ta’ erbat elef u sebghin Liri Maltin (Lm4,070.00) gie rritornat lill-Bank, u l-istess SE inghata direzzjoni illi jiffirmah fuq in-naha ta’ wara sabiex jaghti l-kunsens tieghu ghall-kancellament tal-istess cekk, kif inhija l-prassi bankarja u, kontra l-istess kancellament tac-cekk ta’ erbat elef u sebghin Liri Maltin (Lm4,070.00), hargu z-zewg cekkijiet ta’ tlett elef u seba’ mitt Liri Maltin (Lm3,700.00) u l-iehor ta’ tlett mija u sebghin Liri Maltin (Lm370.00). Dan jirrizulta car mid-dokumenti bankarji li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata dokument “BOV 1” u “BOV 2”. Ghal xi raguni l-ilmentatur, jew ghax nesa, jew ghar-ragunijiet ohra tieghu, jibqa’ jipprova jghid illi mhux minnu illi gie kkancellat ic-cekk ta’ erbat elef u

sebghin Liri Maltin (Lm4,070.00), imma illi gew imsarrfa, kemm ic-cekk ta' erbat elef u sebghin Liri Maltin (Lm4,070.00) u kif ukoll ic-cekkijiet ta' tlett elef u seba' mitt Liri Maltin (Lm3,700.00), u l-iehor ta' tlett mija u sebghin Liri Maltin (Lm370.00), meta dan ma jirrizultax illi kien il-kaz skont id-dokumentazzjoni illi ghandu l-istess Bank. L-ilmentatur ghamel diversi ilmenti, kemm mal-Bank esponent kif ukoll mal-"*Malta Financial Services Authority*", mal-*Ombudsman*, mal-Kunsill tan-Nutara u mal-Kummissarju tal-Pulizija, li lkoll, fl-investigazzjonijiet taghhom, ma sabu xejn x'jiccensuraw fl-agir tal-Bank u, ghalhekk, it-talbiet tal-istess ilmentatur huma kollha infondati kemm fil-fatt u wkoll fid-dritt.

6. Illi, l-esponenti *Bank of Valletta p.l.c.* tixtieq umilment titlob illi tinghata l-opportunità u, ghaldaqstant, tirriserva d-dritt illi tressaq xhieda u taghmel sottomissjonijiet, kemm orali kif ukoll bil-miktub, a tenur tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tispjega ahjar il-premess waqt l-udjenzi quddiem is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru.

Ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti, filwaqt li tirriserva kull rimedju ghal kull azzjoni spettanti lilha skont il-Ligi, tissottometti umilment illi l-ilment tal-ilmentatur ghandu jigi respint u li r-rimedji mitluba minnu jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess ilmentatur.

**L-Arbitru ra d-dokumenti kollha esebiti**

**Sema' x-xhieda**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari**

L-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-provditur tas-servizz jirrigwardaw il-preskriz-zjoni estentiva a bazi tal-Artikoli 1027, 2156 u 2153 tal-Kodici Civili.

L-ewwel eccezzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili li jghid hekk:

"*L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun inghata minghajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqghet bil-preskrizzjoni bis-sahha tad-disposizzjonijiet migjuba*

*taht it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball."*

Din l-eccezzjoni hija relevanti ghal meta l-ilmentatur jallega arrekkament indebitu mill-provditur tas-servizz. Minn kif maghmul l-ilment (xejn felici), l-ilmentatur qed jghid li l-*bank draft* issarraf minn xi hadd u li l-*Bank 'ghandu jkollu l-informazzjoni relevanti mehtiega min sarraf dan il-bank draft.'*[1]

Jghid ukoll li huwa '*prezunt*' li tali *bank draft* issarraf minn Roderick Mallia jew terzi li kienu qribu. Mhux qed jghid li l-Bank ha l-ammont tal-*bank draft* hu u, ghalhekk, mhux qed jallega li sar xi arrikkament indebitu min-naha tal-Bank.

Ghalhekk din l-eccezzjoni mhix relevanti ghall-kaz u qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra hija a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16. Il-Qrati taghna kemm-il darba sostnew li din hija l-preskrizzjoni a bazi ta' htija akkwiljana li tohrog minn xi azzjoni li jaghmel il-bniedem, u li ma tkunx marbuta ma' xi twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali. F'dan il-kaz, kien hemm kuntratt ta' ghoti ta' servizz min-naha tal-Bank bi hlas u, ghalhekk, kien hemm relazzjoni kuntrattwali.

Ghalhekk din l-eccezzjoni mhijiex relevanti ghall-kaz in kwistjoni.

L-eccezzjoni l-ohra hija a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, jigifieri dik li tirrigwardja l-preskrizzjoni a bazi ta' relazzjoni kummercjali u kuntrattwali.

M'hemmx dubju li s-servizz li nghata l-ilmentatur jikkostitwixxi relazzjoni kuntrattwali bejn il-provditur tas-servizz u l-ilmentatur, fis-sens li l-ilmentatur kien qed ihallas ta' servizz bi hlas biex jinhariglu l-*bank draft.*

Apparti dan, relazzjoni bejn provditur ta' servizz finanzjarju u klijent taqa' wkoll fil-parametri ta' relazzjoni fiducjarja ibbazata fuq l-istess kuntratt ta' servizz.

Fil-kaz ta' preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, il-perjodu ta' preskrizzjoni huwa dak ta' hames snin.

Skont l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili, il-perjodu tal-preskrizzjoni ghandu jibda jghodd minn meta l-ilmentatur seta' jezercita l-azzjoni biex ikun jista' jfittex lill-provditur tas-servizz. Fil-fatt, l-Artikolu 2137 tal-Kap. 16, jghid hekk:

[1] Ilment a fol 9

***"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."***

L-ilmentatur jghid li huwa induna li l-*bank draft* kien issarraf tlett snin wara li kienet saret it-tranzazzjoni.[2] Jigifieri t-tranzazzjoni saret fl-2007, u huwa nduna fl-2010, u kien f'dik is-sena li kiteb lill-Bank sabiex jilmenta.

Din il-verzjoni m'hijiex daqstant veritiera ghaliex, kif xehdet rapprezentanta tal-Bank, il-*bank draft* kien gie ikkancellat dakinhar stess li saret it-tranzazzjoni: peress li l-ilmentatur kien iffirma fuq wara tal-*bank draft* inkwistjoni,[3] jigifieri fis-7 t'Awwissu 2007. Dan il-*bank draft* gie sostitwit b'zewg *bank drafts* ohra[4] ghall-istess valur, u l-hlas biex inxtraw dawn il-*bank drafts* huwa indikat bhala *'non-cash'* u, mhux kif qed jghid l-ilmentatur, li hallas ghalihom b'*cash.*

Dan ifisser illi mhux minnu illi l-Bank seta' qallu li kienu ser jaghtuh il-flus fl-2010, ghax bi provi bhal dawn, ma setghux jaghtuh il-flus lura.

Imma, anke jekk ghas-sahha tal-argument, verament li l-*bank draft* issarraf minn xi haddiehor - li l-ilmentatur jghid li ma jafx min hu - dan zgur ma ssarrafx tliet snin wara t-tranzazzjoni meta '*induna'* l-ilmentatur.

Però, l-Arbitru hu tal-fehma li l-azzjoni setghet saret fl-2007, ghaliex din it-tip ta' tranzazzjoni hija wahda semplici u, b'haga bhal din, wiehed jinduna dakinhar stess, jew xi ftit granet wara, u mhux wara tliet snin.

Ghalhekk, l-Arbitru jhoss li l-perjodu tal-preskrizzjoni ghandu jghodd mis-sena 2007.

Imma, anke jekk *in extremis* u ghall-argument biss, kellha titqies is-sena 2010 minn meta *'induna'* l-ilmentatur b'dak li gara, (haga li l-Arbitru ma jaqbilx maghha), xorta wahda bejn l-2010 u l-2016, meta gie intavolat dan l-ilment, ghaddew aktar minn hames snin.

L-ilmentatur ma gab l-ebda prova li, b'xi mod, din il-preskrizzjoni giet interrotta u, ghalhekk, il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili giet ippruvata.

---

[2] A fol 73
[3] A fol 32
[4] A fol 48

Ghalhekk l-azzjoni hija preskritta.

Il-Kap. 555[5] jipprovdi li :

*"Izda wkoll xejn f'dan l-Att ma ghandu jinftiehem bhala li qed jaghti xi setgha lill-Arbitru li jaghti decizjoni dwar talba li tkun waqghet bi preskrizzjoni skont il-ligi meta l-parti investigata tqajjem eccezzjoni tal-preskrizzjoni."*

Ghalhekk l-Arbitru ma jistax jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

Peress li zewg eccezzjonijiet gew michuda, l-ispejjez ghandhom jithallsu, zewg terzi mill-ilmentatur u terz mill-provditur tas-servizz.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

[5] Art 19(3)(e) Proviso